Kampjonat 1953-54

• Lolly Borg iħabbar li rtira mil-logħba
• Jiġi mġiegħel jirritorna u jweġġa'
• B'hekk jitlef il-kumplament tal-istaġun

Lolly Debattista (Floriana)

L-Ewwel Ġurnata
03-10-1953:
Ħamrun Sp. FC v Hibernians FC 2-1
H.T 2-0
Ref: Joe M. Cassar Naudi
Skurjaw: R. Psaila (HS) 36' u 37' u J. C Coulon (Hibs) 52'.

Ħamrun Sp. FC: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Loretu Scicluna, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Charles Patterson, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

Hibernians FC: Johnnie 'Skipper' Formosa, Colin Tabone, Victor Portelli, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Anthony 'Skitu' Spiteri, John Gatt, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Ħamrun Spartans ma setgħux jagħmlu użu mill-akkwist il-ġdid Johnnie Alamango wara li kien ġie sospiż għal tmien ġimgħat mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Armata wara l-inkwiet li ħoloq u li kkaġuna l-abbandun tas-semifinali tal-Cassar Cup bejn it-tim tiegħu 1st Coast RMA u Floriana FC. Huwa kien tkeċċa mir-referi, fis-76 minuta, wara li pprotesta għal offside fuq is-sitt gowl Furjaniż, iżda rrifjuta li joħroġ. Il-partita ġiet abbandunata u Floriana, li f'dak il-ħin kienu qed jirbħu l-partita 6-1, ingħataw rebħa u post fil-finali. Johnnie Alamango, ex-Floriana u Sliema Wanderers, fil-fatt kien beda l-karriera tiegħu mal-Minors ta' Ħamrun United.

2. L-inside forward Charles Patterson tal-Ispartans ġie akkwistat mingħand it-tim promoss ta' Melita filwaqt li s-centre-half Loretu Scicluna kien akkwistat mingħand Zebbug Rangers tat-Tieni Diviżjoni. Scicluna kien ukoll regolari fit-tim tas-Servizzi 1st Coast RMA.

3. Anthony Spiteri 'L-Iskitu' ta' Hibernians ġie akkwistat mingħand Ħamrun Spartans. Akkwisti oħra tal-Pawlisti kienu ż-żewġ players ta' Marsa FC Luċjanu Gatt u l-inside forward J. Spiteri li kien ukoll jilgħab regolari mal-1st Coast Regt. (RMA). Minn naħa l-oħra huma ċedew lil George Bugeja lil Vittoriosa Stars.

04-10-1953:
Floriana FC – Birkirkara FC 0-0
Ref: Flt. Sgt. Arthur Wallace (RAF)

Floriana FC: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Carm Xerri, Tony Dalli, Tony Vella, Ġużi Bennetti, Benny Camilleri, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Stanley Williams, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

Birkirkara FC: Lolly Rizzo, Louis Caruana, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Leli 'Il-Likku' Saliba, Fredu Preca, Lino Lanzon, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Kenneth Valenzia, Bob Bonavia, Victor Farrugia, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

1. Birkirkara għal darb'oħra kienu mpenjati ħafna fis-suq tat-trasferimenti tas-sajf meta għal dan l-istaġun ħallsu lil Floriana £313 biex akkwistaw lil Victor Farrugia u anke ħallsu somma rekord ta' £410 lil Sliema Wanderers biex akkwistaw lill-gowlkeeper Lolly Rizzo. Rizzo, li qabel ma ingħaqad mal-klabb Karkariż ma kienx irnexxielu jmur għal prova oħra mal-klabb tat-Tielet Diviżjoni Ingliża Northampton Town minħabba li l-Wanderers ma tawhx permess, assolutament kiser kull relazzjoni li kellu mal-klabb Slimiż fejn informa lill-President Edwin Meli li ma kienx interessat jilgħab aktar ma' Sliema. Akkwist ieħor tal-Istripes mingħand il-Wanderers kien ta' Bob Bonavia.

2. Leiut. Stephen Samut Tagliaferro kien nieqes mill-ewwel ħdax ta' Birkirkara minħabba li kien qed jattendi kors ta' tliet ġimgħat mal-Armata ġewwa Fajid.

3. Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr Lolly Borg li kien ħabbar li ritra mill-futbol. Fil-fatt f'dan il-kampjonat Lolly Borg lagħab biss partita waħda ma' Floriana fir-ritorn tiegħu kontra Sliema fid-9 ta' Jannar, 1954, meta kienu kkonvinċewh biex jirritorna. Huwa kien weġġa' f'din il-partita u tilef il-kumplament tal-istaġun.

4. Benny Camilleri rritorna fl-ewwel ħdax ta' Floriana wara li falla kważi l-istaġun kollu ta' qabel meta kien mar jistudja Londra.

5. Il-kowċ ta' Birkirkara kien, Frankie Tabone, l-ex kowċ taż-żagħżagħ ta' Floriana Ajax.

6. Floriana ħadu lura lil Joe Griffiths bħala kowċ tagħhom wara li fl-istaġun li għadda Griffiths kien kowċ ta' Rabat FC. Huwa kien mgħejjun mill-player mill-Afrika t'Isfel Stanley Williams.

7. Birkirkara tilfu l-full back u captain tagħhom Sonny Borg Cardona li f'Lulju telaq lejn l-Ingilterra fuq xogħol mas-

Fuq: Plejers ta' Floriana waqt ċelebrazzjoni ta' gowl
Xellug: Ġużi Bonnici u Lorry Cuschieri (Sliema W.)

Servizz. Borg Cardona kien ġie trasferit mir-Royal Malta Artillery (RMA) għal mar-Royal Army Ordinance Corps (RAOC) li kienu stazzjonati fir Renju Unit.

8. Tony Dalli ta' Floriana minn dan l-istaġun kien ukoll kowċ ta' Balzan Youths tat-Tielet Diviżjoni.

9. Il-player Fredu Preca rritorna ma' Birkirkara wara li kien weġġa' fil-final tal-Cassar Cup li Birkirkara tilfu 2-1 ma' Floriana. Fil-fatt kien hemm kundanna ġenerali meta l-Cassar Cup kienet ittieħdet l-Isptar ta' Bighi fejn kien rikoverat Fredu Preca biex jaraha u jinkuh ftit biha.

10-10-1953:
Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 1-1
H.T 0-1
Ref: Joseph Spiteri
Skurjaw: C. Azzopardi (R) 26' u M. Walsh (S) 68'.

Sliema Wdrs. FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Ġużi Cuschieri, Ġużi Pirotta, Maurice Walsh, Ninu Calleja, Sammy Nicholl, Ġużi 'Labre' Camilleri.

Rabat FC: Anthony Micallef, Walter Powell, Alfie Pearson, George Dalli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Donald MacDonald, Paul 'It-Tiger' Micallef, Tony Caruana, Charles 'Il-Grioss' Azzopardi, Charles Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Donald MacDonald, 27 sena u ex-player ta' Renfrew FC, Glasgow Rangers, Dumbarton, Sterling Albion u għal darb'oħra Dumbarton huwa l-plejer-kowċ ġdid ta' Rabat FC.

2. Akkwist ieħor importanti tal-Magpies kien tal-attakkant Charles 'Grioss' Azzopardi li Rabat irnexxielhom jieħdu mingħand Floriana meta kien hemm interessati għalih ukoll Valletta FC u Birkirkara. Anke l-istess Floriana kienu ppruvaw iżommu lil Grioss magħhom. Minn naħa l-oħra Rabat ċedew lil Paul Azzopardi u Tony Borg Cardona lil Zebbug Rangers, J. Tabone lil Msida Wolves u l-gowlkeeper John Mifsud lil Valletta FC.

3. Ġużi Pirotta, fir-ritorn tiegħu fil-futbol wara nuqqas ta' sena u nofs, spiċċa l-isptar b'idu miksura wara tackle ta' MacDonald fis-27 minuta. Sliema Wanderers laġħbu l-kumplament tal-logħba b'għaxar plejers. L-aħħar partita ta' Pirotta fil-kampjonat kienet fis-26 ta' Jannar, 1952, meta dak in-nhar ukoll kien ħareġ imweġġa'.

4. Il-gowlkeeper tal-Wanderers Ray Cosby ġie akkwistat mingħand Birkirkara FC biex jieħu post Lolly Rizzo li min-naħa tiegħu ingħaqad mal-istess Karkarizi. Cosby kien diġà gowlkeeper tal-Wanderers qabel sieħeb lil Birkirkara tliet staġuni qabel.

5. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Ġużi Vassallo li ħabbar li kien irtira mill-futbol. Sentejn qabel Sliema Wanderers kienu ħallsu £200 lil Valletta biex akkwistawh iżda l-plejer naqas li jħalli l-impatt mixtieq. Matul il-karriera tiegħu Vassallo anke laġħab ma' Rabat FC u Hibernians FC.

6. Il-Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Charlie Mattocks li kien sospiż logħba wara li xejjer bis-sieq lil Albert Grech ta' Melita waqt partita ta' ħbiberija li ntlagħbet fis 27 ta' Settembru, 1953, u mingħajr Ray Edwards li kien qed isofri minn uġiegħ f'subajgħ il-kbir ta' siequ.

7. Charles Mattocks f'dan l-istaġun kien ukoll il-kowċ ta' Sta. Venera Lightnings.

8. Ray Edwards irrifjuta offerta mingħand Falkirk sabiex imur għal prova ta' tliet xhur magħhom. Il-klabb Skoċċiż kien għadu kemm temm żjara fostna.

9. Il-Wanderers kienu taħt il-gwida tal-plejer ta' Valletta FC Salvinu Schembri. Fil-fatt Schembri avża lill-MFA li hu m'għandux x'jaqsam iktar mall-klabb Belti u li kienet l-intenzjoni tiegħu li fil-futur jilgħab ukoll bħala plejer ma' Sliema. Madankollu kellhom jgħaddu diversi ġimgħat oħra qabel ma Schembri rnexxielu jsir plejer tal-Wanderers.

10. Tony Caruana, inside forward tar-Royal Engineers li lagħab mal-Army fil-famuża semi-finali tal-Cassar Cup kontra Floriana li kienet ġiet abbandunata bl-iskor 6-1, ġie rreġistrat minn Rabat FC fejn iddebutta mill-ewwel magħhom.

11-10-1953:
Valletta FC – Melita FC 2-0
H.T 0-0
Ref: Flt. Sgt. James Tuckett.
Skurjaw: L. Pace (V) pen. 71' u 85'

Valletta FC: Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Joe 'It-Tichy' Grech, Edwin 'Dwinu' Schembri, Lewis Azzopardi, Freddie Farrugia, Silvio Rapinett, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Żeppi Micallef.

Melita FC: Edwin Zammit, William (Bill) MacDonald, Ġiusi Borg, Griffin, Leli Borg Bonaci, Bugeja, Patrick Feekry, Albert Zahra, Rene Formosa, George Bencini, Lino Maistre.

1. Edwin Zammit, ex-gowlkeeper ta' Valletta FC, iddebutta ma' Melita FC. Huwa kellu kompetizzjoni tajba għal post bejn il-lasta ta' Melita mar-regolari Ronnie Tabone u ma' Henry Galea Souchet, b'dan tal-aħħar ikollu wirja mill-aqwa fil-partita ta' ħbiberija kontra Royal Signals (2-3) ta' ħamest ijiem qabel. Min-naħa l-oħra Melita ċedew lill-gowlkeeper Frans Suda lil Msida Wolves. Frans Suda jiġi missier Hubert Suda, l-attakkant ta' Sliema, Valletta u B'kara tas-snin disgħin u elfejn.

2. Bl-istess mod anke Edwin Zammit huwa missier l-gowlkeeper Alan Zammit li fis-snin tmenin u disgħin lagħab għal diversi snin fil-Kampjonat Premier ma' Sliema Wanderers FC, Naxxar Lions u Ħamrun Spartans.

3. Żewġ akkwisti oħra ta' Melita kienu ta' Lino Maistre u Cremona, filwaqt li Valletta akkwistaw lil N. Caruana li kien jilgħab mat-tieni tim ta' Ħamrun fit-Tieni Diviżjoni u rritorna mill-ġdid magħhom il-gowlkeeper Charles Bruno wara li fl-istaġun li għadda kien inattiv minħabba uġiegħ fil-minkeb.

4. Jack Stanley Reynolds huwa t-trainer il-ġdid ta' Valletta FC. Reynolds huwa ex atleta internazzjonali Ingliż li kien jinsab Malta fuq is-Servizz mar-Royal Navy. Fil-ġimgħat ta' qabel Valletta kienu fi trattattivi biex iġibu fostna lill-Iskoċċiż Jimmy Blair, ex-Leyton Orient, bħala plejer-kowċ.

5. Valletta FC kienu qed jilagħbu mingħajr Salvinu Schembri li kien riżolut li jħallihom u jingħaqad mal-eks tim tiegħu Sliema Wdrs. FC. Schembri applika għall-Form K minħabba li Valletta neħħewh minn kowċ u huwa ħass li l-klabb Belti ma kellux aktar fiduċja fih. Madankollu Valletta oġġezzjonaw li Salvinu Schembri jingħata l-Form K minħabba li sostnew li huma kellhom bżonn is-servizzi tiegħu bħala plejer u neħħewh minn kowċ minħabba li kienet l-intenzjoni tal-klabb li jingaġġa kowċ barrani. Wara li l-MFA rrifjutat it-talba tal-plejer għal Form K, il-plejer xorta baqa' riżolut li jitlaq lill-klabb Belti, tant, li ressaq il-protest tiegħu quddiem l-FA tal-Ingilterra.

6. B'sorpriża ta' kulħadd il-plejers Ġużi Borg u Silvio Rapinett ta' Valletta u Leli Borg Bonaci ta' Melita ma tkeċċewx mir-referi meta spiċċaw jagħtu bil ponn fit 80 minuta.

Klassifika: Valletta FC u Ħamrun Sp. FC 2 pti.; Sliema Wdrs. FC, Rabat FC, Floriana FC u Birkirkara FC 1 pt.; Hibernians FC u Melita FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: L. Pace (Valletta FC) u R. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 2 gowls.

Salvinu Schembri bil-flokk ta' Sliema Wanderers

Aħbarijiet

B'seħħ mill-15 ta' Awwissu, 1953, fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II, ingħatat amnestija ġenerali lil dawk kollha li kienu taħt sospensjoni maħruġa mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA. Is-Segretarju tal-MFA, is-Sur Eugenio Bonello, però ħabbar li l-amnestija ma kenitx tgħodd għal dawk li kienu jinsabu sospiżi għal għomorhom filwaqt li min kien sospiż għax sawwat lir-referi seta' jressaq il-każ tiegħu mill-ġdid. Il-multi ma kienux maħfura.

Fl-4 ta' Settembru, 1953, tħabbret il-mewt ta' Masu Hicks. Huwa kien wieħed mill-aħjar plejers tal-futbol Malti fejn lagħab mat-tim ta' St. George's FC bejn l-1905 u l-1919. Wara huwa kompla l-karriera tiegħu f'Tuneż fejn kien emigra. Fil-fatt huwa kien ġie Malta mat-tim Tunežin ta' Melita meta dawn kienu ġew jilagħbu xi partiti fostna fl-istaġun 1923-24.

Fl-4 ta' Ottubru, 1953, f'partita tat-Tieni Diviżjoni Msida Wolves lagħbu lill-veteran Pawlu Friggieri 'Iż-Żibġa' f'nofs l-attakk tagħhom fir-rebħa ta' 2-0 fuq Zebbug Rangers. Minkejja li Friggieri ma skorjax huwa kellu sehem fiż-żewġ gowls. Pawlu Friggieri kien beda l-karriera tiegħu fil-kampjonat f'Mejju tal-1929 meta ta' 16-il sena kien lagħab u skorja ż-żewġ gowls ta' Floriana fid-draw ta' 2-2 kontra Sliema Wanderers.

F'partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni li ntlagħbet fl-1 ta' Novembru, 1953, taħt xita qawwija, it-tieni tim ta' Floriana FC għeleb lil Melita FC 6-0 biż-żagħżugħ Tony Cauchi jiskorja ħamsa mill-gowls b'Sultana jiskorja s-sitt wieħed.